MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 326/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Ivan Bajada u**

**Clare Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ivan Bajada ta’ 31 sena, iben Ronald u Maria Gratia k/a Maria nee’ Gallo, imwieled San Giljan fis-26 t’Awwissu, 1975, residenti 21, Triq l-Isqof F. S. Caruana, Msida u detentur ta’ karta tal-identita’ numru 381275M, u

Clare Borg, ta’ 27 sena, bint Paul u Linda nee’ Pearson, imwielda Londra (Ingilterra) fl-10 ta’ Mejju, 1979, residenti Room 623, ‘115 The Strand’, Gzira u detentrici ta’ karta tal-identita’ 376997M

Billi huma akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fid-19 ta’ Frar, 2003 u matul l-ahhar granet qabel dina d-data:

1) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom fil-pussess taghhom dina d-droga, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ivan Bajada akkuzat ukoll wahdu talli:

b) kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Mgt. Dr. N. Cuschieri) fid-09 ta’ Ottubru 2001,

Clare Borg akkuzata wkoll wahdiha talli:

c) saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (awla 13) tat-8 ta' Mejju 1997.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordnalhom ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-kontendenti huma s-segwenti:

1. L-imputati kienu qed jabitaw f'kamra f'lukanda, meta saret tfixxija mill-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-droga. Haddiem tal-lukanda fethilhom il-kamra bil-*masterkey*.
2. Fuq il-komodina sabu disa' (9) boroz bi trab kannella, kien hemm mizien elettroniku b'borza ohra fuqu u kien hemm xi foil mahruq fuq is-sodda u kien hemm flixkun tal-plastic fil-gwardarobba b'sustanza hadra fih, u affarijiet ohra relatati mad-droga. Gew elevati LM142 flus kontanti minn fuq l-imputat.

3. L-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda *inter alia* bil-mod segwenti:[1]

*"a) li ma kienx hemm mechanical fit bejn il-bicciet tal-foil u r-rollijiet tal-foil li kien hemm fid-dokumenti 03 AMV 203, 204 u 206;*

*b) Li kien hemm mechanical fit bejn il-borza tal-plastik bil-kantuniera taghha mqatta' li kien hemm fid-dokument 03 AMV 203, u l-kantuniera ta' borza tal-plastik li kien hemm fl-istess dokument, id-dokument 03 AMV 203.*

*c) li ma nstabux sustanzi llegali fuq il-mizien li kien hemm fid-dokument 03 AMV 202, l-erba' bicciet tal-foil li kien hemm fid-dokument 03 AMV 03 u l-mus u l-bicca foil li kien hemm fid-dokument 03 AMV 206;*

*d) li fil-likwidu hadrani transparenti, f'ammont ta' 48.3 ml, instabet fih is-sustanza Methadone. Din is-sustanza, li hija narcotic analgesic, hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Lijigiet ta' Malta;*

*e) li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca foil u bicca foil irrumblata li kien hemm fid-dokument 03 AMV 203;*

*f) li fit-trab kannella li kien hemm fl-ghaxar boroz fid-dokument 03 AMV 201, f'ammont nett totali ta' 17.471 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

L-imputati mhux qed jikkontestaw il-pussess tad-droga, imma qed jikkontestaw l-aggravju tal-pussess aggravat, ghaliex huma jsostnu li d-droga kienet kollha intiza ghall-uzu esklussiv taghhom.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skond il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat

[1] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud fil-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok CA a fol. 25 tal-process.

wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[2] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[3]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tax-xhieda u dikjarazzjonijiet tal-imputat Ivan Bajada fil-konfront tal-imputata Clare Borg, u vice versa.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu jahdem ma' missieru f'agenzija tal-ivvjaggar u kien qed joqghod fil-lukanda ma' Clare, sakemm isib flat li jista jikrih fit-tul. Imbaghad, huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda ohra.

Fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid li hi ma tahdimx u kienet ilha tghix mal-imputat fil-lukanda ghal dawn l-ahhar tlett (3) gimghat, u kienu qed ifittxu biex jikru flat. Pero imbaghad, hija ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda.

Fix-xhieda tieghu,[4] l-imputat xehed li hu u l-imputata kienu ghamlu kuntratt ta' kirja ghal zmien twil ta' flat u kien fadal gimgha biex jidhlu fih, u iddecidew li jmorru joqghodu f'lukanda. Jghid li huma kienu jitfghu l-flus taghhom flimkien u jixtru kollox flimkien. L-imputat jghid li huwa kellu vizzju kbir tal-abbuz tad-droga, u kien jixtri certu ammont biex iqassamhom ghal xi tlieta (3) jew (4) ijiem, ghax kien jaqbillu milli jixtriha ftit ftit. Huwa xehed li d-droga kienet ghall-uzu tieghu u l-mizien kien

[2] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.
[3] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**
[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 72 *et seq.* tal-process.

juzah sabiex meta jixtri d-droga jiccekkja l-ammont li jkun tajjeb. Iktar tard jghid li l-ghaxar sachets li instabu kien jikkonsmahom ma' xi hadd iehor fi zmien *"two maximum three days"*. In kontro-ezami hu cahad li d-droga jqassamha f'pakketti hu stess, u qal li d-droga xtraha maqsuma f'pakketti, u li xtara ghaxar pakketti.

Fix-xhieda taghha,[5] l-imputata qalet li hi u l-imputat kienu jaqsmu l-flus li kien ikollhom bejniethom. Huma kellhom vizzju kbir tal-abbuz tad-droga u ghalhekk ma kienx jaqblilhom jixtru ammont zghir, u kienu jixtru ammont daqsxejn kbir biex iservihom jumejn (2) jew tlieta (3). Hi kienet tiehu l-flus tar-*relief* u kienu jaghtuha l-flus il-familjari taghha.

Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk l-ghaxar (10) pakketti eroina li nstabu fil-kamra tal-hotel fejn kienu qed jirrisjedu l-imputati kienux ghal uzu taghhom personali - kif qed jallegaw huma - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv taghhom – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi*

[5] Ara xhieda tal-imputata a fol. 80 *et seq.* tal-process.
[6] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] spjegat illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li indizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[9]

Issa fil-kaz odjern, l-ammont ta' 10 sachets ta' droga eroina, b'piz totali ta' 17.471 grammi m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti,

[7] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[8] *Per* Imhallef J. Galea Debono.
[9] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

iz-zewg imputati qalu li huma *heavy users,* tant li dak l-ammont kien jigi ikkunsmat minnhom f'jumejn jew tlieta.

Pero, fir-rigward ta' xhieda li taw l-imputati biex jiggustifikaw dan l-ammont ta' droga fil-pussess taghhom, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Fl-ewwel lok, is-17-il gramma herojina ma nstabitx f'borza wahda imma f'10 pakketti, li bejn wiehed u iehor kienu tal-piz ta' 1.8g u 1.7g, hlief ghal tnejn li kienu ta' 1.4g u 1.5g.[10]. Jekk l-imputati kienu jixtru f'ammonti kbar, ma jaghmilx sens ghal min kien ibieghilhom li joqghod jizinhomlom u jqassamhomlom f'ghaxar pakketti f'ammonti prattikament ugwali, imma kien jaghmel iktar sens kieku jtihom borza wahda, l-iktar tnejn, bl-ammont li jkunu ordnaw u imbaghad iqassmuhom l-imputati kif xtaqu jikkunsmawhom.

2. Mir-relazzjoni tal-espert Spizjar Mario Mifsud, jirrizulta li kien hemm *mechanical fit* bejn il-borza tal-plastik bil-kantuniera taghha mqatta' li kien hemm fid-dokument AMV 203 u l-kantuniera ta' borza tal-plastic li kien hemm fl-istess dokument, id-dokument 03 AMV 203. Dan juri li qratas tal-plastic kienu qed isiru mill-imputati, u konsegwentement dan juri wkoll li l-pakketti ma nxtrawx lesti, pero saru mill-imputati. Din il-konkluzjoni hija msahha wkoll mill-fatt li l-Pulizija sabu qartas wiehed fuq mizien.

3. L-imputat jipprova jiggustifika s-sejba tal-mizien billi jghid li hu kien juzah sabiex jiccekkja li min bieghlu tah l-ammont tajjeb. Pero minn kif instab il-pakkett fuq il-mizien, jidher li l-imputat kien qed jizen il-pakketti wara li xtrahom. Dan ma jaghmilx sens, ghax jekk ghal grazzja tal-argument, l-imputat isib droga bin-nieqes, certament ma kienx se jiftah kawza kontra min bieghlu bin-nieqes. L-argument tal-imputat kien ikun verosimili kieku qal li hu kien jizen id-droga qabel jixtriha, biex ikun cert li kellu l-piz kollu li ried, qabel ihallas lill-bejjiegh. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid hekk *"Kif jaghtini l-borza naqbad u niccekkjaha. Lanqas kont niftaha jigifieri."*[11] L-imputat ma jispecifikax jekk kienx jiccekkjaha qabel ihallas jew wara, pero lanqas jipprova jaghti l-inqas gustifikazzjoni ghalfejn il-Pulizija sabu qartas fuq il-mizien fil-kamra tieghu. Inoltre, anke l-kliem *"kif jaghtini l-*

---

[10] Ara rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 37 tal-*proces verbal* ezebit bhala Dok CA a fol 25 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 76 tal-process.

*borza"* li juza l-imputat stess fix-xhieda tieghu, jikkonferma li fil-fatt id-droga li kien jixtri kienet tkun f'borza wahda, u l-qratas saru fil-kamra tal-lukanda.

4. Kif inhu notorju f'dan il-qasam tad-droga, id-dosa tipika tad-droga heroina hija ta' 0.2 grammi. L-imputati instabu fil-pussess ta' 17.471 grammi, li minnhom johorgu 87 doza (17.471 grammi divizi bi 0.2). Iz-zewg imputati fix-xhieda taghhom jghidu li dan l-ammont iservihom jumejn sa tlieta. Fi kliem iehor, l-imputati qed jghidu li huma jikkunsmaw 2.9 grammi kuljum (17.471 grammi divizi bi tlett (3) ijiem u divizi bejn zewg (2) persuni. Dan l-ammont ta' droga kuljum, mhux kompatibbli ma droga ghal uzu personali biss. Fil-fatt, fl-Abbozz tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ippubblikat is-sena l-ohra u li bhalissa qed jigi diskuss fil-Kamra tad-Deputati, il-pussess tad-droga ipprojbita huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun sa massimu ta' zewg (2) grammi droga, f'dan il-kaz heroina.[12]

5. Iz-zewg imputati xehdu wkoll li huma kienu jaqsmu l-flus li jkollhom bejniethom. Issa, l-imputat jahdem ma' missieru f'agenzija tal-ivvjaggar, filwaqt li l-imputata ma tahdimx u tghix bir-*relief* u minn xi ammonti zghar li jaghddulha tal-familja. Certament mhux verosimili li bil-flus li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom l-imputati setghu mhux biss ihallsu l-flus tal-ammont qawwi tad-droga li xtraw – u li mix-xhieda taghhom kienu jixtru regolarment ghall-inqas dak iz-zmien - imma ihallsu l-lukanda fejn kienu joqghodu, u fuq l-imputat Ivan Bajada instabu l-ammont ta' LM142. Kif inhuwa risaput, *a heavy addict* normali, kif pingew lilhom infushom l-imputati, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga – fil-fatt normalment jispicca jirrikorri ghas-serq – u dak il-ftit li jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-imputati ma rnexxielhomx jipprovaw sal-grad tal-probabbli li d-droga li instabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv taghhom. Inoltre, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputati, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet debitament ippruvata.

It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet gew ippruvati bis-sentenzi ezebiti u bix-xhieda tal-Ispetturi li kienu l-Ufficjali Prosekuturi f'dawk il-proceduri.

---

[12] Ara Artikolu 4 tal-Abbozz dwar id-Dipendenza tad-Droga.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ammont ta' droga herojina involut, u cioe 17.471 grammi mhux wiehed insinifikanti.

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputat Bajada jirrizulta li hu ghandu tminn (8) kundanni minn dawn il-Qrati, tnejn minnhom ta' pussess semplici tad-droga herojina.

Billi din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, hija trid titratta mieghu talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 t'Ottubru 2001, fejn instab hati ta' pussess tad-droga herojina, u tqieghed taht Ordni ta' Probation.

Min-naha l-ohra, mill-fedina penali aggiornata tal-imputata jirrizulta li din ghandha hamsa u ghoxrin (25) kundanna minn dawn il-Qrati, wahda ta' ferita gravi, sittax (16)-il kundanna ta' tlajjar ghall-iskop ta' prostituzzjoni u kundanna ghal traffikar ta' herojina u kundanna ghal pussess tad-droga cannabis.

L-imputata hija hatja wkoll tat-tielet imputazzjoni u cioe dik tar-recidiva, u fic-cirkostanzi, l-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront tal-Imputat Ivan Bajada*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ tlett (3) snin prigunerija effettiva u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta’ probation tad-9 t’Ottubru 2001, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u qed titratta mieghu ghall-imputazzjoni li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ta’ probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imsemmi Ivan Bajada ghal multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre l-Qorti tordna l-konfiska tal-ammont ta’ tlett mija u tletin Euro u seba’ u sebghin centezmu (€330.77) - ekwivalenti ghal mija u tnejn u erbghin Lira Maltija (LM142) – misjuba mill-Pulizija fuq il-persuna tal-hati.

*Fil-Konfront tal-Imputata Clare Borg*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha, u tikkundannaha ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-Konfront taz-Zewg Hatjin*

In oltre, il-Qorti tordna lill-hatjin ihallsu nofs (1/2) kull wiehed tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn tmienja u erbghin Euro u sitta u sittin centezmu (€284.66) – ekwivalenti ghal mija u sitt Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm106.75) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hatja jonqsu li jhallsu dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------